TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**In the Consumer Claims Tribunal**

Natalino u Mary Mamo

vs

Bargains and Quality Home Appliances - Joe Schembri

CCT 33/19/MS

18 ta' Settembru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Marzu 2019 fejn talbu ir-rifuzjoni ta' €135.00, prezz ta' *spin dryer* mixtri minghand l-azjenda intimata, liema spin dryer hargilha sadid u ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata tal-15 ta' April 2019, fejn irrifjuta t-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u jekk hareg xi sadid, dana kien tort tal-*chlorine* fl-ilma tas-sistema idrika.

Ra l-attu u d-dokumenti tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti xtraw spin dryer mill-azjenda intimata f'Novembru 2018. Lanqas m'hu kontestat illi wara ftit gimghat hareg is-sadid ghal dan l-apparat. L-azjenda intimata, pero' qieghda tiggustifika dan billi twahhal fil-*chlorine* illi hemm fl-ilma u l-fatt li l-*istainless steel* xorta jissaddad ghax jiddependi hafna mill-grad tal-materjal.

Ikkunsidra

Illi skond id-dokument JS1 dan l-i*spin dryer* huwa reklamat bhala *Stainless body. Never rust* u ukoll *Stainless basket, suitable for kitchen use.*

Skond ir-rikorrenti wahda mill-fatturi illi kkonvinciethom jixtru dan il-prodott kien il-fatt illi kien maghmul tal-*istainless* u ma jissaddadx. Gara pero' li wara biss hames gimghat hareg is-sadid.

Joe Schembri mill-azjenda intimata ighid li l-prodott huwa vera *stainless steel*, pero' skond hu, dan ma jfissirx illi dan huwa *rust proof* u li ma jezistix hadid *rust proof*. Offra li l-prodott jitnaddaf *free of charge* pero' r-rikorrent irrifjuta. Attribwixxa dan is-sadid ghal hafna *sulphur* li hemm fl-ilma.

Ikkunsidra

Illi bir-rispett it-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan l-argument kif propost mis-sur Schembri. L-ewwel nett il-prodott huwa reklamat bhala wiehed li ma jissaddadx (never rust) kwindi dan ghandu jinftiehem illi huwa *rust proof* kif del resto huwa reklamat fid-dokumenti JS1. Di piu', ma hemm l-ebda evidenza illi s-sur Schembri avza lir-rikorrenti illi minkejja dak illi huwa reklamat, il-prodott huwa soggett ghal sadid. L-ewwel isemmi l-chlorine umbaghad is-sulphur. Mhuwiex deciz liema minn dawn ikkawza s-sadid lamentat mir-rikorrenti. Hu x'inhu jekk ir-rikorrenti xtraw oggett stainless steel u li ma jissaddadx, dan ma kienx il-prodott illi effettivament xtraw minghand l-azjenda intimata. Terga' u tghid dan il-prodott gab mieghu garanzija ta' sentejn, kwindi zgur li f'dawn is-sentejn ma kellux johrog is-sadid. Darba gara dan, allura l-prodott ma kienx tal-kwalita' pattwita . Dan jintitola r-rikorrenti li jitolbu r-risoluzzjoni ta' dan il-bejgh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-azjenda intimata li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €135.00, prezz ta' *spin dryer* fuq imsemmi. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata. Peress illi l-i*spin dryer* qieghed fil-pussess tal-azjenda intimata dan jista' jibqa' jinzamm mill-istess azjenda wara li jsir il-hlas.

Michela Spiteri. Av.
Arbitru